MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 101/2010

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar**
**u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud kuraturi deputati**
**nominati biex jirrapprezentaw lill-minuri D E;**
**FE; G H E**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li, minn relazzjoni li hu kellu mal-konvenuta FE, twieled it-tifel D E fis-17 ta' Otturbu 2009; li hu l-missier naturali ta' dan it-tifel, kif korroborat mit-test tad-DNA; ghalhekk l-attur qed jitlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li hu huwa l-missier naturali tat-tarbija D; [2] li ismu jitnizzel fuq l-att tat-twelid tat-tarbija minflok H E; [3] li taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru pubbliku li, wara li ssolleva tlett eccezzjonijiet ta' naturali procedurali li gew irtirati minnu fis-seduta tat-3 ta' Frar 2011, irrefera ghall-artikoli 77 u 81[2] tal-Kap.16;

Rat ir-risposta guramentata ta' FE li biha, filwaqt li ddikjarat li taqbel li l-attur huwa l-missier naturali ta' binha D, issollevat li l-attur ghandu identita' falza;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA mahluf mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar; [Fol.64 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati, u nkluza n-nota guramentata da parti ta' l-attur fejn ikkonferma l-identita' tieghu [Fol.75];

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel D, li twieled mill-konvenuta FE fis-17 ta' Ottubru 2009 u li fl-att tat-twelid tieghu numru 3553/09 huwa ndikat bhala t-tifel tal-konvenut G H E, huwa fil-fatt il-wild naturali ta' l-attur; kif ukoll qed jitlob id-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li fil-bidu tas-sena 2009 l-attur dahal f' relazzjoni mal-konvenuta FE, li baqghet ghaddejja tlett xhur u nofs. Minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel D fis-17 ta' Ottubru ta' l-istess sena, izda dan gie registrat bhala l-wild ta' G H E, zewg-il konvenuta FE.

Illi l-konvenuta FE taqbel li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifel, u din il-verzjoni ssib korroborazzjoni fir-rapport xjentifiku tad-DNA.

Illi din il-konvenuta pero' issostni li l-attur kien ta dettalji foloz lill-pulizija ta' l-imigrazzjoni. Minn naha tieghu, l-attur

fl-affidavit tieghu jichad li hu ta dettalji foloz, u b' nota guramentata prezentata ulterjorment jiddikjara li hu "jismu A B C, bin Richard u Comfort C, imwieled Freetown, Sierra Leon, u hu cittadin u residenti tan-Nigerja" u li ghandu l-karta ta' l-identita' 38886A.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta ampjament u xjentifikament provat li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifel D.

Illi rigward l-identita' ta' l-attur, il-Qorti tosserva li mill-provi migjuba ma jirrizultax li d-dettalji ta' l-attur mhumiex kif indikati minnu fin-nota guramentata.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciei billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifel D li twieled mill-konvenuta FE fis-17 ta' Ottubru 2009, huwa l-wild naturali u bijologiku ta' l-attur, u mhuwiex il-wild tal-konvenut G H E kif indikat fl-att tat-twelid tal-minuri; ghalhekk, tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur u mill-konvenuta FE konguntivament u wgwalment, izda l-ispejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------